REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (KE) Nru 262/2009

tat-30 ta' Marzu 2009

li jistabbilixxi l-ħtiġijiet għall-allokazzjoni koordinata u għall-użu ta' kodiċijiet tal-interrogatur Mode S għall-ajru uniku Ewropew

(Test b'relevanza għaż-ŻEE)

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (KE) Nru 552/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-10 ta' Marzu 2004 dwar l-interoperabilità tax-Xibka Ewropea ta' Amministrazzjoni ta' Traffiku tal-Ajru (ir-Regolament dwar l-interoperabilità) [1] u b'mod partikolari l-Artikolu 3(5) tiegħu,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (KE) Nru 549/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-10 ta' Marzu 2004 li jippreskrivi l-qafas għall-ħolqien tal-Ajru Uniku Ewropew (ir-Regolament qafas) [2], u b'mod partikolari l-Artikolu 8(2) tiegħu,

Billi:

(1) Mode S (Select) hija teknika kooperattiva ta' sorveljanza għall-kontroll tat-traffiku tal-ajru. Hi tippermetti l-interrogazzjoni selettiva ta' inġenji tal-ajru u l-estrazzjoni ta' dejta miksuba mill-arja li minnha jistgħu jiġu żviluppati funzjonalitajiet ġodda ta' ġestjoni tat-traffiku tal-ajru. Id-disinn ta' sistemi li jappoġġjaw l-indirizzar ta' inġenji tal-ajru individwali permezz tal-Mode S (minn hawn 'il quddiem interrogaturi Mode S) jeħtieġ l-użu ta' kodiċijiet tal-interrogatur Mode S għas-sejba u s-sorveljanza tal-inġenju tal-ajru li jkun armat b'transponder Mode S.

(2) Biex tiġi żgurata s-sikurezza tas-sistema ta' sorveljanza tat-traffiku tal-ajru, huwa fundamentali li ż-żoni koperti mir-radar ta' żewġ interrogaturi Mode S li jużaw l-istess kodiċi tal-interrogatur ma jirkbux fuq xulxin, sakemm ma jkunux miġbura flimkien fi grupp ("cluster") jew sakemm ma jkunux implimentati mitigazzjonijiet operattivi xierqa oħra.

(3) Biex tiġi sostnuta d-distribuzzjoni ta' għadd dejjem akbar ta' interrogaturi Mode S u biex jissolvew il-problemi li jinħolqu minħabba nuqqas ta' kodiċijiet tal-interrogatur disponibbli għall-interrogazzjoni tal-inġenji tal-ajru, jinħass il-bżonn li jkunu koordinati l-allokazzjoni u l-użu effikaċi ta' dawk il-kodiċijiet tal-interrogatur.

(4) Eurocontrol ingħata s-setgħa, skont l-Artikolu 8(1) tar-Regolament (KE) Nru 549/2004, li jiżviluppa r-rekwiżiti għall-allokazzjoni u l-użu ta' kodiċijiet tal-interrogatur Mode S (minn hawn 'il quddiem kodiċijiet tal-interrogatur Mode S). Dan ir-Regolament huwa bbażat fuq ir-rapport tal-mandat tat-2 ta' Jannar 2008 li rriżulta.

(5) Fil-bidu, għal raġunijiet tekniċi, il-kodiċijiet ta' identifikazzjoni tal-interrogatur (minn hawn 'il quddiem kodiċijiet II) 0 sa 15 biss kienu definiti u użati bħala kodiċijiet tal-interrogatur. Minħabba l-għadd mistenni ta' interrogaturi Mode S, iktar tard ittieħdu miżuri biex jitħalla jsir użu minn kodiċijiet ta' identifikazzjoni ta' sorveljanza addizzjonali (minn hawn 'il quddiem kodiċi SI) 1 sa 63.

(6) Normalment, l-użu ta' kodiċijiet SI jirrikjedi li l-miri kollha Mode S li jinsabu fiż-żona koperta mill-interrogaturi Mode S ikunu mgħammra għal dan il-għan. Minkejja dan, Eurocontrol żviluppa speċifikazzjonijiet għat-tħaddim ta' kodiċi II/SI li jippermetti l-użu kmieni ta' kodiċijiet SI mill-interrogaturi Mode S anke f'ambjent fejn il-miri kollha Mode S ma jkunux mgħammra għall-użu tal-kodiċijiet SI. Għalhekk, l-operaturi Mode S għandhom ikunu meħtieġa li jakkomodaw din il-ħidma ta' kodiċi II/SI.

(7) Bl-awtorità tal-Eurocontrol ġie stabbilit servizz ċentrali ta' allokazzjoni tal-kodiċi tal-interrogatur, provdut permezz tas-sistema ta' allokazzjoni tal-kodiċi tal-interrogatur. L-Istati Membri għandhom ikunu meħtieġa li jieħdu l-miżuri meħtieġa biex jiżguraw li s-sistema ta' allokazzjoni tal-kodiċi tal-interrogatur tipprovdi informazzjoni li ssostni l-konsistenza tal-punti ewlenin tal-allokazzjoni tal-kodiċi tal-interrogatur. Dawn il-punti ewlenin għandhom ikunu identifikati b'mod ċar.

(8) Għandhom jiġu definiti proċeduri komuni biex jiġi żgurat li l-elementi ewlenin tal-allokazzjoni tal-kodiċi tal-interrogatur ikunu implementati b'mod xieraq. Huma għandhom iqisu d-dispożizzjonijiet relevanti tal-Organizzazzjoni Internazzjonali tal-Avjazzjoni Ċivili (minn hawn 'il quddiem ICAO).

(9) L-operaturi tal-Mode S u l-fornituri tas-servizz tal-traffiku tal-ajru għandhom jieħdu miżuri xierqa biex isibu u jnaqqsu l-effett ta' kunflitti possibli bejn kodiċijiet tal-interrogatur.

(10) Dan ir-Regolament m'għandux ikopri l-ħidmiet u t-taħriġ militari msemmija fl-Artikolu 1(2) tar-Regolament (KE) Nru 549/2004.

(11) Għadd limitat ta' kodiċijiet tal-interrogatur huwa riservat għall-użu u ġestjoni esklussiv minn entitajiet militari inkluż minn organizzazzjonijiet intergovernattivi, partikolarment l-Organizzazzjoni tat-Trattat tal-Atlantiku tat-Tramuntana. Għalhekk, l-interrogaturi Mode S li qed jużaw dawn il-kodiċijiet m'hemmx għalfejn ikunu suġġetti għall-proċess ta' allokazzjoni koordinat. Madankollu, l-Istati Membri għandhom ikunu meħtieġa li jieħdu l-miżuri meħtieġa biex jiżguraw li l-użu ta' dawn il-kodiċijiet tal-interrogatur ma jħallix impatt negattiv fuq is-sikurezza tat-traffiku tal-ajru b'mod ġenerali.

[1] ĠU L 96, 31.3.2004, p. 26.
[2] ĠU L 96, 31.3.2004, p. 1.

(12) Il-kodiċi tal-interrogatur 0 ġie riservat mill-ICAO għall-ħidma mingħajr kodiċi assenjat. L-interrogaturi Mode S li jużaw kodiċi tal-interrogatur 0 skont l-Istandards u l-Prassi Rakkomandata mill-ICAO m'hemmx għalfejn ikunu suġġetti għall-proċess ta' allokazzjoni koordinat.

(13) Il-kodiċi II 14 ġie riservat għall-użu komuni tas-sistemi ta' ttestjar. Mhux garantit li tinstab l-mira Mode S meta diversi sistemi ta' ttestjar ikunu qed jaħdmu fl-istess ħin. Għalhekk, l-operaturi ta' sistemi ta' ttestjar Mode S li għandhom bżonn jagħmlu provi temporanji li jeħtieġu sitwazzjoni libera mill-kunflitti għandhom jiżguraw koordinazzjoni bilaterali xierqa ma' operaturi Mode S oħra ta' sistemi ta' ttestjar.

(14) Is-servizz ċentralizzat tal-allokazzjoni tal-kodiċi tal-interrogatur għandu jipprovdi pjan ta' allokazzjoni tal-kodiċi tal-interrogatur lill-Istati Membri u lill-operaturi tal-Mode S u jaġġornah kif ikun hemm bżonn biex tiġi żgurata s-sigurtà u l-effiċjenza fl-użu tal-kodiċi tal-interrogatur. Il-pjan ta' allokazzjoni għandu jkun approvat mill-Istati Membri affetwati mill-kontenut tiegħu.

(15) Għandu jkun definit mekkaniżmu biex tinstab soluzzjoni għas-sitwazzjonijiet fejn l-approvazzjoni tal-pjan ta' allokazzjoni tal-kodiċi tal-interrogatur ma tistax tinkiseb fi żmien xieraq.

(16) Bil-għan li jinżammu u jissaħħu l-livelli eżistenti ta' sikurezza tal-operazzjonijiet, l-Istati Membri għandhom ikunu obbligati li jiżguraw li l-partijiet interessati jagħmlu evalwazzjoni ta' sikurezza, inkluż l-identifikazzjoni tal-periklu, l-evalwazzjoni tar-riskju u l-proċessi ta' mitigazzjoni. L-implimentazzjoni armonizzata ta' dawn il-proċessi mas-sistemi koperti minn dan ir-Regolament teħtieġ l-identifikazzjoni ta' rekwiżiti speċifiċi ta' sikurezza għar-rekwiżiti kollha ta' interoperabilità u rendiment.

(17) Skont l-Artikolu 3(3)(d) tar-Regolament (KE) Nru 552/2004, ir-regoli tal-implimentazzjoni tal-interoperabbiltà għandhom jiddeskrivu l-proċeduri speċifiċi tal-valutazzjoni tal-konformità li għandhom jintużaw biex tiġi vvalutata l-konformità jew l-idonjetà għall-użu tal-kostitwenti kif ukoll il-verifika tas-sistemi.

(18) Il-livell ta' maturità tas-suq għall-kostitwenti li għalihom japplika dan ir-Regolament huwa tali li l-konformità jew l-adattabilità tagħhom għall-użu jistgħu jkunu valutati b'mod sodisfaċenti permezz ta' kontroll intern tal-produzzjoni, bl-użu ta' proċeduri bbażati fuq il-Modulu A tad-Deċiżjoni tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill Nru 768/2008/EC tad-9 ta' Lulju 2008 dwar qafas komuni dwar il-kummerċjalizzazzjoni ta' prodotti u li tħassar id-Deċiżjoni tal-Kunsill 93/465/KEE ([1]).

(19) Il-miżuri pprovduti f'dan ir-Regolament huma skont l-opinjoni tal-Kumitat għall-Ajru Uniku,

([1]) ĠU L 218, 13.8.2008, p. 82.

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

Suġġett u ambitu

1. Dan ir-Regolament jistabbilixxi r-rekwiżiti għall-allokazzjoni koordinata u għall-użu ta' kodiċijiet tal-interrogatur Mode S (minn hawn 'il quddiem kodiċijiet tal-interrogatur) biex ikun hemm ħidma sigura u effiċjenti ta' sorveljanza tat-traffiku tal-ajru u koordinazzjoni ċivili-militari.

2. Dan ir-Regolament għandu japplika għall-interrogaturi eliġibbli Mode S u s-sistemi ta' sorveljanza relatati, il-kostitwenti tagħhom u l-proċeduri assoċjati, meta tappoġġja l-allokazzjoni koordinata jew l-użu ta' kodiċijiet tal-interrogaturi eliġibbli.

Artikolu 2

Definizzjonijiet

Għall-fini ta' dan ir-Regolament għandhom japplikaw id-definizzjonijiet fl-Artikolu 2 tar-Regolament (KE) Nru 549/2004.

Għandhom japplikaw ukoll id-definizzjonijiet li ġejjin:

(1) "Interrogatur Mode S" tfisser sistema, magħmula mill-antenna u mill-elettronika, li tappoġġja l-indirizzar tal-inġenju tal-ajru individwali permezz tal-Mode Select, magħrufa bħala Mode S;

(2) "kodiċi tal-interrogatur" tfisser jew l-identifikazzjoni tal-interrogatur jew kodiċi ta' identifikazzjoni ta' sorveljanza użat biex ikun hemm imblokk f'iktar minn sit wieħed u possibilment għall-protokolli ta' komunikazzjoni;

(3) "kodiċi ta' identifikazzjoni tal-interrogatur" (minn hawn 'il quddiem kodiċi II) tfisser kodiċi tal-interrogatur Mode S b'valur fl-iskala bejn 0 u 15 li jista' jkun użat kemm għall-imblokk f'iktar minn sit wieħed kif ukoll għall-protokolli ta' komunikazzjonijiet;

(4) "kodiċi ta' identifikazzjoni ta' sorveljanza" (minn hawn 'il quddiem kodiċi SI) tfisser kodiċi tal-interrogatur Mode S b'valur fl-iskala bejn 1 u 63 li jista' jkun użat għall-protokolli għall-imblokk f'iktar minn sit wieħed, iżda ma jistax jiġi użat għall-protokolli ta' komunikazzjonijiet f'iktar minn sit wieħed;

(5) "imblokk f'iktar minn sit wieħed" tfisser il-protokoll li jippermetti l-akkwist ta' mira Mode S u l-imblokk minn diversi interrogaturi Mode S li għandhom koperturi li jirkbu fuq xulxin;

(6) "protokolli ta' komunikazzjonijiet f'iktar minn sit wieħed" tfisser il-protokolli wżati biex, f'żoni fejn hemm koperturi ta' interrogaturi Mode S li jirkbu fuq xulxin, ikun koordinat il-kontroll tal-komunikazzjonijiet li jsiru f'iktar minn transazzjoni waħda;

(7) "mira Mode S" tfisser pjattaforma mgħammra b'transponder Mode S;

(8) "imblokk" tfisser il-protokoll li jippermetti t-trażżin tat-tweġibiet għas-sejħiet Mode S kollha mill-miri Mode S diġà akkwistati;

(9) "operatur Mode S" tfisser persuna, organizazzjoni jew intrapriża li tħaddem jew toffri li tħaddem interrogatur Mode S, inkluż:

(a) fornituri tas-servizz ta' navigazzjoni tal-ajru;

(b) fabbrikanti tal-interrogaturi Mode S;

(ċ) operaturi tal-ajruport;

(d) stabbilimenti ta' riċerka;

(e) kull entità oħra li għandha l-permess biex tħaddem l-interrogatur Mode S;

(10) "allokazzjoni ta' kodiċi tal-interrogatur" tfisser definizzjoni ta' valuri għall-inqas għall-punti prinċipali tal-allokazzjoniet tal-kodiċi tal-interrogatur kif imniżżel fl-Anness II, Parti B;

(11) "sistema ta' allokazzjoni tal-kodiċi tal-interrogatur" tfisser sistema fi ħdan in-Network Ewropew ta' Amministrazzjoni ta' Traffiku tal-Ajru, u l-proċeduri assoċjati, li minnha, permezz tal-Istati Membri, huwa pprovdut servizz ċentrali ta' allokazzjoni ta' kodiċi tal-interrogatur (minn hawn 'il quddiem servizz ta' allokazzjoni ta' kodiċi tal-interrogatur), li jieħu ħsieb l-ipproċessar tal-applikazzjonijiet tal-kodiċi tal-interrogatur u d-distribuzzjoni tal-proposta tal-pjan tal-allokazzjoni tal-kodiċi tal-interrogatur, lill-operaturi Mode S;

(12) "applikazzjoni tal-kodiċi tal-interrogatur" tfisser applikazzjoni minn operatur Mode S għall-allokazzjoni ta' kodiċi tal-interrogatur;

(13) "proposta għall-pjan ta' allokazzjoni ta' kodiċi tal-interrogatur" tfisser proposta għal sett sħiħ ta' allokazzjonijiet IC, preżentat mis-servizz ta' allokazzjoni ta' kodiċi tal-interrogatur għall-approvazzjoni tal-Istati Membri.

(14) "pjan ta' allokazzjoni tal-kodiċi tal-interrogatur" tfisser sett sħiħ approvat l-aktar reċentement ta' allokazzjonijiet ta' kodiċi tal-interrogatur.

(15) "interrogatur eliġibbli Mode S" tfisser interrogatur Mode S li jissodisfa tal-inqas waħda mill-kundizzjonijiet li ġejjin:

(a) l-interrogatur jiddependi, tal-inqas parzjalment, fuq l-interrogazzjonijiet tas-sejħiet kollha Mode S u t-tweġibiet għall-akkwist ta' miri Mode S; jew

(b) l-interrogatur jimblokka l-miri akkwistati Mode S bħala tweġiba għall-interrogazzjonijiet tas-sejħiet kollha Mode S b'mod permanenti jew b'mod intermittenti, parzjalment jew totalment tal-kopertura tagħhom; jew

(ċ) l-interrogatur juża protokolli ta' komunikazzjonijiet f'iktar minn sit wieħed għall-applikazzjonijiet ta' kollegamenti tad-dejta.

(16) "kodiċi eliġibbli tal-interrogatur" tfisser kull kodiċi fost il-kodiċijiet II u l-kodiċijiet SI, minbarra:

(a) il-kodiċi II 0;

(b) il-kodiċi(jiet) tal-interrogatur riservati għall-entitajiet militari inkluż l-organizzazzjonijiet intergovernattivi partikolarment għall-ġestjoni u l-allokazzjoni tal-Organizzazzjoni tat-Trattat tal-Atlantiku tat-Tramuntana;

(17) "interrogazzjoni tas-sejħiet kollha Mode S" tfisser il-messaġġi li huma normalment użati mill-interrogaturi Mode S biex jakkwistaw miri Mode S li jkunu deħlin fiż-żona tagħhom ta' kopertura;

(18) "kodiċi operattivi tal-interrogatur" tfisser kull kodiċi eliġibbli tal-interrogatur minbarra l-kodiċi II 14;

(19) "Stat Membru kompetenti" tfisser:

(a) fil-każ ta' fornitur tas-servizz tan-navigazzjoni tal-ajru, l-Istat Membru li jkun iċċertifika l-fornitur skont ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 2096/2005 [1]

(b) f'każijiet oħra, l-Istat Membri fiż-żona ta' responsabbiltà fejn l-operatur Mode S iħaddem, jew fejn għandu l-intenzjoni li jħaddem, l-interrogatur eliġibbli Mode S;

(20) "kunflitt fil-kodiċi tal-interrogatur" tfisser irkib mhux koordinat fil-kopertura ta' żewġ interrogaturi Mode S jew iktar li qed jaħdmu fuq l-istess kodiċi tal-interrogatur, li jista' potenzjalment jirriżulta f'inġenju tal-ajru li wieħed mill-interrogaturi Mode S ma jindunax bih;

(21) "monitoraġġ tal-kunflitt tal-kodiċi tal-interrogatur" tfisser l-implimentazzjoni ta' mezzi tekniċi jew proċedurali minn operatur Mode S biex jiġu identifikati l-effetti tal-kunflitti tal-kodiċi tal-interrogatur ma' interrogaturi oħra Mode S fuq id-dejta ta' sorveljanza pprovduta mill-interrogaturi Mode S tagħhom stess;.

(22) "sekwenza tal-implimentazzjoni" tfisser is-sekwenza marbuta bil-ħin tal-implimentazzjoni tal-allokazzjonijiet tal-kodiċi tal-interrogatur li l-operaturi Mode S iridu jżommu magħha biex jiġu evitati konflitti temporanji tal-kodiċi tal-interrogatur;

[1] ĠU L 335, 21.12.2005, p. 13.

(23) "kodiċi II li jaqbel" tfisser il-kodiċi II dekodifikat minn transponder Mode S li ma jissapportjax il-kodiċijiet SI, f'interrogazzjoni tas-sejħiet kollha Mode S li fihom kodiċi SI, u li jintuża minn dan it-transponder biex it-tweġiba tas-sejħiet kollha ta' tiġi kkodifikata;

(24) "mappa ta' imblokk" tfisser li l-fajl ta' konfigurazzjoni tal-interrogatur Mode S li jindika fejn u kif għandha tiġi applikata l-ostruzzjoni ta' sinjali għall-miri Mode S.

Artikolu 3

Rekwiżiti ta' interoperabbiltà u rendiment

L-operaturi Mode S għandhom jiżguraw li l-kostitwent elettroniku tar-radar head tal-interrogaturi Mode S tagħhom, li jużaw il-kodiċi tal-interrogatur imħaddem:

(1) isostnu l-użu ta' kodiċijiet SI u kodiċijiet II f'konformità mad-dispożizzjonijiet ta' l-Organizzazzjoni Internazzjonali għall-Avjazzjoni Ċivili speċifikati fl-Anness I punt (1);

(2) isostnu l-użu ta' kodiċi ta' ħidma II/SI f'konformità mar-rekwiżiti speċifikati fl-Anness III.

Artikolu 4

Proċeduri assoċjati għall-operaturi Mode S

1. L-operaturi Mode S għandhom iħaddmu interrogatur eliġibbli Mode S, billi jużaw kodiċi eliġibbli tal-interrogatur, jekk irċevew allokazzjoni tal-kodiċi tal-interrogatur għal dan il-għan, mill-Istat Membru kompetenti.

2. L-operaturi Mode S li għandhom l-intenzjoni li jħaddmu, jew qegħdin iħaddmu, interrogatur eliġibbli Mode S li għalih ma giet ipprovduta l-ebda allokazzjoni ta' kodiċi tal-interrogatur, għandhom jippreżentaw applikazzjoni għall-kodiċi tal-interrogatur lill-Istat Membru kompetenti, skont ir-rekwiżiti speċifikati fl-Anness II, Parti A.

3. L-operaturi Mode S għandhom ikunu f'konformità mal-punti ewlenin tal-allokazzjoni tal-kodiċi tal-interrogatur li jirċievu kif imniżżla fl-Anness II, Parti B.

4. L-operaturi Mode S għandhom jinfurmaw lill-Istat Membru kompetenti tal-inqas kull 6 xhur ta' kull bdil fl-ippjanar tal-installazzjoni jew fl-istat ta' ħidma tal-interrogaturi eliġibbli Mode S fir-rigward ta' kull punt ewlieni tal-allokazzjoni tal-kodiċi tal-interrogatur imniżżel fl-Anness II, Parti B.

5. L-operaturi Mode S għandhom jiżguraw li kull interrogatur Mode S tagħhom juża esklussivament l-allokazzjoni tal-kodiċi tal-interrogatur tiegħu.

Artikolu 5

Proċeduri assoċjati għall-Istati Membri

1. L-Istati Membri għandhom jivverifikaw il-validità tal-applikazzjonijiet tal-kodiċi tal-interrogatur li jirċievu mill-operaturi Mode S, qabel jgħadduhom għall-koordinazzjoni mis-sistema ta' allokazzjoni tal-kodiċi tal-interrogatur. Il-verifika tal-validità għandha tinkludi il-punti ewlenin imniżżla fl-Anness II, Parti A.

2. L-Istati Membri għandhom jieħdu l-miżuri meħtieġa biex jiżguraw li s-sistema ta' allokazzjoni tal-kodiċi tal-interrogatur:

(a) tiċċekkja li l-applikazzjonijiet għall-kodiċi tal-interrogatur huma konformi mal-konvenzjonijiet ta' format u ta' dejta;

(b) tiċċekkja l-applikazzjonijiet għall-kodiċi tal-interrogatur għall-kompletezza, għall-preċiżjoni u għaż-żamma tal-ħin;

(ċ) fi żmien massimu ta' 6 xhur kalendarji mill-applikazzjoni:

(i) twettaq simulazzjonijiet ta' aġġornament tal-pjan ta' allokazzjoni tal-kodiċi tal-interrogatur fuq il-bażi tal-applikazzjonijiet pendenti;

(ii) tipprepara proposta ta' aġġornament tal-pjan ta' allokazzjoni tal-kodiċi tal-interrogatur biex jiġi approvat mill-Istati Membri affettwati minnu;

(iii) tiżgura li l-aġġornament propost għall-pjan ta' allokazzjoni tal-kodiċi tal-interrogatur jilħaq, kemm jista' jkun possibbli, ir-rekwiżiti ta' ħidma tal-applikazzjonijiet tal-kodiċi tal-interrogatur, kif deskritti mill-punti ewlenin (g), (h) u (i) imniżżla fl-Anness II, Parti A;

(iv) taġġorna, u tikkomunika lill-Istati Membri l-pjan ta' allokazzjoni tal-kodiċi tal-interrogatur immedjatament wara l-approvazzjoni tiegħu, mingħajr preġudizzju lejn proċeduri nazzjonali għall-komunikazzjoni ta' informazzjoni mħaddma mill-militar fuq l-interrogaturi Mode S.

3. It-tibdil fil-pjan ta' allokazzjoni tal-kodiċi tal-interrogatur ikun suġġett għall-approvazzjoni tal-Istati Membri affettwati mill-aġġornament tal-pjan.

4. F'każ ta' nuqqas ta' qbil fuq it-tibdil kif imsemmi f'paragrafu 3 ta' dan l-Artikolu, l-Istati Membri konċernati għandhom iressqu l-każ quddiem il-Kummissjoni biex tieħu azzjoni. Il-Kummissjoni għandha taġixxi bi qbil skont il-proċedura msemmija fl-Artikolu 5(2) tar-Regolament (KE) Nru 549/2004.

5. L-Istati Membri li għalihom jirreferi l-paragrafu 3, għandhom jiżguraw li kull approvazzjonijiet tal-pjan ta' allokazzjoni tal-kodiċi tal-interrogatur ikunu komunikati lill-Istati Membri l-oħra permezz tas-sistema ta' allokazzjoni tal-kodiċi tal-interrogatur.

6. L-Istati Membri li għalihom jirreferi l-paragrafu 3 għandhom jiżguraw li tibdil fl-allokazzjoni tal-kodiċi tal-interrogatur minħabba aġġornament tal-pjan ta' allokazzjoni tal-kodiċi tal-interrogatur ikun komunikat lill-operaturi Mode S relevanti li jaqgħu taħt l-awtorità tagħhom fi żmien 14-il jum kalendarju minn meta jasal il-pjan ta' allokazzjoni aġġornat.

7. L-Istati Membri għandhom jagħmlu disponibbli lill-Istati Membri l-oħra tal-inqas kull 6 xhur permezz tas-sistema ta' allokazzjoni tal-kodiċi tal-interrogatur, reġistru aġġornat tal-allokazzjoni u tal-użu tal-kodiċi tal-interrogatur mill-interrogaturi eliġibbli Mode S fiż-żona ta' responsabbiltà tagħhom.

8. Fejn jeżisti rkib bejn il-kopertura ta' interrogatur Mode S li jinsab fiż-żona ta' responsabbiltà ta' Stat Membru u l-kopertura ta' interrogatur Mode S li jinsab fiż-żona ta' responsabbilta' ta' pajjiż terz, l-Istat Membru konċernat għandu:

(a) jassikura li l-pajjiż terz huwa infurmat bir-rekwiżiti ta' sikurezza relatati mal-allokazzjoni u mal-użu ta' kodiċijiet tal-interrogatur;

(b) jieħu l-miżuri meħtieġa biex jikkoordina l-użu tal-kodiċijiet tal-interrogatur mat-tielet Stat.

Artikolu 6

Proċeduri assoċjati għall-forniturи tas-servizz tat-traffiku tal-ajru

Il-forniturи tas-servizz tat-traffiku tal-ajru m'għandhomx jużaw dejta li ġejja minn interrogaturi Mode S li jaħdmu taħt ir-responsabbiltà ta' pajjiż terz jekk l-allokazzjoni tal-kodiċi tal-interrogatur għadha ma ġietx ikkoordinata.

Artikolu 7

Rekwiżiti ta' kontinġenza

1. Il-forniturи tas-servizz tat-traffiku tal-ajru għandhom jevalwaw l-impatt possibbli fuq is-servizzi tat-traffiku tal-ajru tal-kunflitti tal-kodiċi tal-interrogaturi u t-telf potenzjali marbut magħhom tad-dejta ta' sorveljanza tal-miri Mode S mill-interrogaturi Mode S affettwati, meta jiġu kkunsidrati r-rekwiżiti ta' ħidma tagħhom u ż-żejjed disponibbli.

2. Sakemm it-telf potenzjali tad-dejta ta' sorveljanza ta' miri Mode S ma ġietx evalwata bħala li m'għandha l-ebda sinifikanza f'dik li hija sikurezza, l-operaturi Mode S għandhom:

(a) jimplimentaw mezzi ta' monitoraġġ biex jinstabu kunflitti tal-kodiċi tal-interrogatur kawżati minn interrogaturi Mode S oħra li qed jaffettwaw interrogaturi eliġibbli Mode S li huma jħaddmu fuq kull kodiċi tal-interrogatur operattiv;

(b) jiżguraw li l-iskoperta ta' kunflitt tal-kodiċi tal-interrogatur pprovduta mill-implimentazzjoni tal-monitoraġġ jinkiseb f'waqtu u f'kopertura li tissodisfa r-rekwiżiti ta' sikurezza tagħhom;

(ċ) jidentifikaw u jimplimentaw kif xieraq, alternattiva ta' kif isir il-ħidma biex tnaqqas il-perikli ta' kunflitti possibbli tal-kodiċi tal-interrogatur fuq kull kodiċi operattiv, identifikat fl-evalwazzjoni li jirreferi għaliha l-paragrafu 1;

(d) jiżguraw li l-alternattiva ta' kif isir il-ħidma ma toħloq l-ebda kunflitt tal-kodiċi tal-interrogatur ma' interrogaturi Mode S oħra msemmija mill-pjan ta' allokazzjoni tal-kodiċi tal-interrogatur.

3. L-operaturi Mode S għandhom jirrapurtaw kull kunflitt tal-interrogatur li jinvolvi interrogatur eliġibbli Mode S li huma jħaddmu fuq kull kodiċi tal-interrogatur operattiv lill-Istat Membru kompetenti u għandhom ipoġġu l-informazzjoni relatata għad-dispożizzjoni tal-operaturi Mode S l-oħra permezz tas-sistema ta' allokazzjoni IC.

Artikolu 8

Kordinazzjoni ċivili-militari

1. L-Istati Membri għandhom jieħdu l-miżuri meħtieġa biex jiżguraw li l-unitajiet militari li qed iħaddmu l-interrogaturi eliġibbli Mode S fuq kull kodiċi tal-interrogatur ieħor minbarra kodiċi II 0 u kodiċijiet oħra riservati għall-ġestjoni tal-militar, huma konformi mal-Artikli 3 sa 7 sa l-Artikolu 12.

2. L-Istati Membri għandhom jieħdu l-miżuri meħtieġa biex jiżguraw li l-unitajiet militari, li qed joperaw interrogaturi Mode S fuq kodiċi II 0 jew kodiċijiet tal-interrogatur oħra riservati għall-ġestjoni tal-militar, jikkontrollaw l-użu esklussiv ta' dawn il-kodiċijiet tal-interrogatur, biex jevitaw in-nuqqas ta' koordinazzjoni fl-użu ta' kull kodiċi eliġibbli tal-interrogatur.

3. L-Istati Membri għandhom jieħdu l-miżuri meħtieġa biex jiżguraw li l-allokazzjoni u l-użu tal-kodiċijiet tal-interrogatur minn unitajiet militari ma jkollu l-ebda impatt negattiv fuq is-sikurezza tat-traffiku tal-ajru b'mod ġenerali.

Artikolu 9

Rekwiżiti ta' Sikurezza

1. L-operaturi Mode S għandhom jiżguraw li l-perikli potenzjali tal-kunflitti tal-kodiċi tal-interrogatur li jaffettwaw l-interrogaturi Mode S tagħhom ikunu evalwati u mnaqqsa b'mod xieraq.

2. L-Istati Membri għandhom jieħdu l-miżuri meħtieġa biex jiżguraw li kull bidla fis-sistemi eżistenti u fil-proċeduri assoċjati msemmija fl-Artikolu 1(2) jew l-introduzzjoni ta' sistemi ġodda u proċeduri simili tkun ippreċeduta minn evalwazzjoni ta' sikurezza, inklużi l-identifikazzjoni tal-periklu, l-evalwazzjoni u t-tnaqqis tar-riskju, immexxija mill-partijiet ikkonċernati.

3. Għall-finijiet tal-evalwazzjoni ta' sikurezza stabbilita fil-paragrafu 2, ir-rekwiżiti speċifikati fl-Artikoli 4 sa 8 u l-Artikolu 12 għandhom ikunu kkunsidrati wkoll bħala rekwiżiti minimi ta' sikurezza.

Artikolu 10

Evalwazzjoni tal-konformità

Qabel ma joħorġu dikjarazzjoni tal-KE dwar il-konformità jew dwar kemm huma adatti għall-użu kif imsemmi fl-Artikolu 5 tar-Regolament (KE) Nru 552/2004, il-fabbrikanti tal-kostitwenti, jew ir-rappreżentanti awtorizzati tagħhom stabbiliti fil-Komunità, tas-sistemi msemmija fl-Artikolu 1(2) ta' dan ir-Regolament għandhom jivvalutaw il-konformità ta' dawk il-kostitwenti jew kemm huma adatti għall-użu b'konformità mar-rekwiżiti stipulati fl-Anness IV, Parti A ta' dan ir-Regolament.

Artikolu 11

Sistemi ta' verifika

1. Il-fornituri tas-servizz ta' navigazzjoni bl-ajru li jistgħu juru jew li wrew li jissodisfaw il-kundizzjonijiet stabbiliti fl-Anness V għandhom iwettqu verifika tas-sistemi msemmija fl-Artikolu 1(2) b'konformità mar-rekwiżiti stabbiliti fl-Anness VI, Parti A.

2. Il-fornituri tas-servizz ta' navigazzjoni bl-ajru li ma jistgħux juru li jissodisfaw il-kundizzjonijiet stabbiliti fl-Anness V għandhom jgħaddu, permezz ta' subkuntratt, il-verifika tas-sistemi msemmija fl-Artikolu 1(2) lil korp notifikat. Din il-verifika għandha titmexxa skont ir-rekwiżiti stipulati fl-Anness VI, Parti B.

Artikolu 12

Rekwiżiti addizzjonali

1. L-operaturi Mode S għandhom jiżguraw li l-impjegati tagħhom li huma responsabbli mill-implimentazzjoni tal-allokazzjonijiet tal-kodiċi tal-interrogatur huma konxji mid-dispożizzjonijiet relevanti f'dan ir-Regolament u li huma mħarrġa b'mod adekwat biex jaqdu l-funzjonijiet ta' xogħolhom.

2. L-operaturi Mode S għandhom:

(a) jiżviluppaw u jżommu l-manwali tat-tħaddim Mode S inkluż l-istruzzjonijiet u l-informazzjoni meħtieġa biex l-impjegati tagħhom responsabbli mill-implimentazzjoni tal-allokazzjonijiet tal-kodiċi tal-interrogatur ikunu jistgħu japplikaw id-dispożizzjonijiet ta' dan ir-Regolament;

(b) jiżguraw li l-manwali msemmija fil-punt (a) ikunu aċċessibbli u jinżammu aġġornati u li l-aġġornament u d-distribuzzjoni tagħhom ikunu suġġetti għal ġestjoni xierqa ta' kwalità u ta' konfigurazzjoni tad-dokumentazzjoni;

(ċ) jiżguraw li l-metodi ta' ħidma u l-proċeduri operattivi mitluba għall-implimentazzjoni tal-allokazzjonijiet tal-kodiċi tal-interrogatur ikunu konformi mad-dispożizzjonijiet relevanti speċifikati f'dan ir-Regolament.

3. L-Istati Membri għandhom jieħdu l-miżuri meħtieġa biex jiżguraw li l-impjegati li qed jipprovdu s-servizz ta' allokazzjoni tal-kodiċi tal-interrogatur huma konxji mid-dispożizzjonijiet relevanti ta' dan ir-Regolament u li huma mħarrġa b'mod adekwat biex jaqdu l-funzjonijiet ta' xogħolhom.

4. L-Istati Membri għandhom jieħdu l-miżuri meħtieġa biex jiżguraw li s-servizz ċentrali ta' allokazzjoni tal-kodiċi tal-interrogatur:

(a) jiżviluppa u jżomm manwali ta' ħidmiet li jkollhom l-istruzzjonijiet u l-informazzjoni meħtieġa biex l-impjegati tagħhom ikunu jistgħu japplikaw id-dispożizzjonijet ta' dan ir-Regolament;

(b) jiżgura li l-manwali msemmija fil-punt (a) jkunu aċċessibbli u jinżammu aġġornati u li l-aġġornament u d-distribuzzjoni tagħhom ikunu suġġetti għal ġestjoni xierqa ta' kwalità u ta' konfigurazzjoni tad-dokumentazzjoni;

(ċ) jiżgura li l-metodi u l-proċeduri ta' ħidma jkunu konformi mad-dispożizzjonijiet relevanti kif speċifikati f'dan ir-Regolament.

Artikolu 13

Id-dħul fis-seħħ u l-applikazzjoni

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

L-Artikolu 3 għandu japplika mill-1 ta' Jannar 2011.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u jkun direttament applikabbli fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, 30 ta' Marzu 2009.

Għall-Kummissjoni

Antonio TAJANI

Viċi President

ANNESS I

Id-dispożizzjonijiet ta' l-Organizzazzjoni Internazzjonali għall-Avjazzjoni Ċivili msemmija fl-Artikolu 3(1) u fl-Anness III punt (2)

1. Kapitlu 3 "Sistemi ta' radar ta' sorveljanza", taqsima 3.1.2.5.2.1.2. "IC: Kodiċi tal-interrogatur" l-Anness 10 tal-ICAO "Telekomunikazzjonijiet Aeronawtiċi", Volum IV "Sistemi ta' Radar ta' Sorveljanza u l-Evitar tal-Kolliżjoni" (It-Tielet Edizzjoni, Lulju 2002, jinkorpora l-Emenda Nru 77).

2. Kapitlu 5, "SSR Mode S Kollegament tad-Dejta bejn l-Ajru u l-Art", taqsima 5.2.9 "Il-format tar-rapport fuq il-kapaċita tal-kollegament tad-dejta" tal-Anness 10 tal-ICAO "Telekomunikazzjonijiet Aeronawtiċi", Volum III "Sistemi ta' Komunikazzjoni" (L-Ewwel Edizzjoni, l-Emenda Nru 79).

ANNESS II

Parti A Rekwiżiti marbuta mal-applikazzjoni għall-kodiċijiet tal-interrogatur imsemmija fl-Artikoli 4(2), 5(1) u 5(2)

L-applikazzjoni IC għandha tiġbor fiha, bħala minimu, il-punti prinċipali li ġejjin:

(a) ir-referenza għall-applikazzjoni unika mill-Istat Membru kompetenti;

(b) id-dettalji sħaħ tar-rapprezentant tal-Istat Membru li hu responsabbli għall-koordinazzjoni tal-Allokazzjoni Mode S IC;

(c) id-dettalji sħaħ tal-punt ta' kuntatt tal-operatur Mode S għall-affarijiet ta' Allokazzjoni Mode S IC;

(d) l-isem tal interrogatur Mode S;

(e) l-użu tal-interrogatur Mode S (imħaddem jew bi prova);

(f) il-post tal-interrogatur Mode S;

(g) id-data ppjanata għall-ewwel trażmissjoni Mode S mill-interrogatur Mode S;

(h) il-kopertura Mode S rikjesta;

(i) ir-rekwiżiti ta' ħidma speċifiċi;

(j) il-kapaċità tal-kodiċi SI;

(k) il-kapaċità tal-"ħidma tal-kodiċi II/SI";

(l) il-kapaċità tal-mappa ta' kopertura.

Parti B Rekwiżiti marbuta mal-allokazzjoni tal-kodiċijiet tal-interrogatur imsemmija fl-Artikoli 2(10), 4(3) u 4(4)

L-allokazzjoni IC għandha tinkludi il-punti minimi li ġejjin:

(a) ir-referenza għall-applikazzjoni korrispondenti mill-Istat Membru kompetenti;

(b) ir-referenza ta' allokazzjoni unika mis-servizz ta' allokazzjoni IC;

(c) ir-referenzi ta' allokazzjoni li ġew mibdula, kif meħtieġ;

(d) l-IC allokat;

(e) ir-restrizzjonijiet ta' sorveljanza u ta' imblokk fil-forma ta' skali settorjali jew ta' mappa ta' kopertura Mode S;

(f) il-perjodu ta' implimentazzjoni li matulu l-allokazzjoni għandha tiġi reġistrata fl-interrogatur Mode S identifikat fl-applikazzjoni;

(g) is-sekwenza ta' implimentazzjoni li għandha tiġi mħarsa;

(h) l-alternattivi l-oħra assoċjati u mhux obbligatorji: rakkomandazzjoni ta' ragruppament;

(i) ir-restrizzjonijiet ta' ħidma speċifiċi, kif meħtieġ.

ANNESS III

Il-ħidma ta' kodiċi II/SI msemmija fl-Artikolu 3(2)

1. L-interrogaturi Mode S, meta joperaw b'kodiċi SI u jekk ikun permess minn parametru ta' ħidma xieraq, għandhom jakkwistaw ukoll miri permezz tas-sejħiet kollha ta' tweġiba li huma miktuba b'kodiċi II li jaqbel.

2. L-interrogaturi Mode S, meta joperaw b'kodiċi SI u jekk ikun permess minn parametru ta' ħidma xieraq, għandhom jikkunsidraw tweġibiet bit-transponders bit-tweġibiet tas-sejħiet kollha miktuba b'kodici II li jaqbel bħala transponders li mhumiex mgħammra b'SI, irrispettivament mill-kapaċità SI msemmija fir-rapport ta' kapaċità tal-kollegament tad-dejta definit fid-dokument imsemmi fl-Anness I punt (2).

3. L-interrogaturi Mode S, meta jaħdmu b'kodiċi SI u jekk ikun permess minn parametru ta' ħidma xieraq, għandhom jinterrogaw transponders li m'għandhomx kapaċità ta' kodiċi SI billi jużaw il-messaġġi ta' protokoll ta' imblokk f'iktar minn sit wieħed Mode S kif previst għall-ħidma tal-kodiċi II. Il-kodiċi II li għandu jintuża għandu jkun il-kodiċi II li jaqbel.

4. L-interrogaturi Mode S, meta joperaw b'kodiċi SI u jekk ikun permess minn parametru ta' ħidma xieraq, għandhom ikunu konfigurabbli minn operatur biex jew:

   — ma jintużax imblokk fuq il-kodiċi II li jaqbel għat-transponders li m'għandhomx kapaċità ta' kodiċi SI; jew

   — jintuża imblokk intermittenti fuq il-kodiċi II li jaqbel għat-transponders li m'għandhomx kapaċità ta' kodiċi SI.

5. L-interrogaturi Mode S, meta joperaw b'kodiċi II u jekk ikun permess minn parametru ta' ħidma xieraq, għandhom ikunu konfigurabbli minn operatur biex jew:

   — ma jintużawx imblokki għal transponders li ma jirrapurtaw l-ebda kapaċità SI fir-rapport ta' kapaċità ta' kollegament tad-dejta tagħhom jew ma jistgħux jirrapurtaw il-kapaċità tal-kollegament tad-dejta tagħhom; jew

   — jintużaw imblokki intermittenti għal transponders li ma jirrapurtaw l-ebda kapaċità SI fir-rapport ta' kapaċità ta' kollegament tad-dejta tagħhom jew ma jistgħux jirrapurtaw il-kapaċità tal-kollegament tad-dejta tagħhom;

6. Meta l-ħidma tal-kodiċi II/SI hija attivata, il-mapep tal-imblokk m'għandhomx jitqiesu għal transponders li m'għandhomx kapaċità ta' kodiċi SI.

ANNESS IV

Parti A Ir-rekwiżiti għall-evalwazzjoni tal-konformità u tal-adegwatezza għall-użu tal-kostitwenti tas-sistema msemmija fl-Artikolu 10

1. L-attivitajiet ta' verifikazzjoni għandhom juru l-konformità tal-kostitwenti li jappoġġjaw protokolli ta' imblokk tal-kodiċi II u l-kodiċi SI u l-ħidma tal-kodiċi II/SI bir-rekwiżiti ta' interoperabilità u rendiment ta' dan ir-Regolament, jew l-adegwatezza għall-użu tagħhom waqt li dawn il-kostitwenti jkunu qed jaħdmu f'ambjent ta' prova.

2. L-applikazzjoni mill-fabbrikant, jew ir-rappreżentant awtorizzat tiegħu stabbilit fil-Komunità, tal-modulu deskritt fil-Parti B għandha titqies bħala proċedura xierqa ta' evalwazzjoni ta' konformità biex tiżgura u tiddikjara l-konformità tal-kostitwenti. Proċeduri ekwivalenti jew aktar stretti huma wkoll awtorizzati.

Parti B Il-modulu tal-kontroll intern tal-produzzjoni

1. Dan il-modulu jiddeskrivi l-proċedura li permezz tagħha l-fabbrikant jew ir-rappreżentant awtorizzat tiegħu stabbilit fil-Komunità li jwettaq l-obbligi stabbiliti f'punt 2, jiżgura, u jiddikjara li l-kostitwenti kkonċernati jissodisfaw ir-rekwiżiti ta' dan ir-Regolament. Il-fabbrikant jew ir-rappreżentant awtorizzat tiegħu stabbilit fil-Komunità għandu jfassal dikjarazzjoni bil-miktub ta' konformità jew adegwatezza għall-użu skont l-Anness III punt (3) tar-Regolament (KE) Nru 552/2004.

2. Il-fabbrikant għandu jistabbilixxi d-dokumentazzjoni teknika deskritta f'punt 4 u hu jew ir-rappreżentant awtorizzat tiegħu stabbilit fil-Komunità għandu jżommha għal perjodu li jagħlaq mill-inqas 10 snin wara li l-aħħar kostitwenti jkunu nħadmu, għad-dispożizzjoni tal-awtoritajiet nazzjonali rilevanti ta' sorveljanza għal finijiet ta' spezzjoni u għad-dispożizzjoni tal-fornituri tas-servizz ta' navigazzjoni bl-ajru li jintegraw dawn il-kostitwenti fis-sistemi tagħhom. Il-fabbrikant jew ir-rappreżentant awtorizzat tiegħu stabbilit fil-Komunità għandu jgħarraf lill-Istati Membri dwar fejn u kif id-dokumentazzjoni teknika ta' hawn fuq tista' ssir disponibbli.

3. Meta l-fabbrikant ma jkunx stabbilit fil-Komunità, għandu jaħtar il-persuna(i) li tqiegħed/jqiegħdu l-kostitwenti fis-suq Komunitarju. Din il-persuna/dawn il-persuni għandha/għandhom tgħarraf/jgħarrfu lill-Istati Membri dwar fejn u kif id-dokumentazzjoni teknika tista' ssir disponibbli.

4. Id-dokumentazzjoni teknika għandha tippermetti li tkun evalwata l-konformità tal-kostitwenti mar-rekwiżiti ta' dan ir-Regolament. Għandha, sa fejn ikun rilevanti għal din l-evalwazzjoni, tkopri d-disinn, il-fabbrikazzjoni u l-ħidma tal-kostitwenti.

5. Il-fabbrikant jew ir-rappreżentant awtorizzat tiegħu għandu jżomm kopja tad-dikjarazzjoni ta' konformità jew adegwatezza għall-użu mad-dokumentazzjoni teknika.

ANNESS V

Kundizzjonijiet imsemmija fl-Artikolu 11

1. Il-fornitur tas-servizz ta' navigazzjoni bl-ajru għandu jkollu stabbiliti metodi ta' rappurtaġġ fl-organizzazzjoni li jiżguraw u juru imparzjalità u indipendenza ta' ġudizzju fir-rigward tal-attivitajiet ta' verifika.

2. Il-fornitur tas-servizz ta' navigazzjoni bl-ajru għandu jiżgura li l-impjegati involuti fil-proċessi ta' verifika, iwettqu l-verifiki bl-akbar integrità professjonali possibbli u bl-aqwa kompetenza teknika possibbli u jkunu ħielsa minn kull pressjoni u inċentiv, b'mod partikolari ta' xorta finanzjarja, li jistgħu jaffettwaw il-konklużjonijiet jew ir-riżultati tal-verifiki tagħhom, b'mod partikolari minn persuni jew gruppi ta' persuni milquta mir-riżultati tal-verifiki.

3. Il-fornitur tas-servizz ta' navigazzjoni bl-ajru għandu jiżgura li l-impjegati involuti fil-proċessi ta' verifika jkollhom aċċess għat-tagħmir li jippermettilhom li jwettqu tajjeb il-kontrolli meħtieġa.

4. Il-fornitur tas-servizz ta' navigazzjoni bl-ajru għandu jiżgura li l-impjegati involuti fil-proċessi ta' verifika jkollhom taħriġ tekniku u vokazzjonali sod, għarfien sodisfaċenti tar-rekwiżiti tal-verifiki li jkunu mistennija jwettqu, esperjenza adegwata ta' ħidmiet bħal dawn, u l-ħila meħtieġa biex ifasslu dikjarazzjonijiet, rekords u rapporti li juru t-twettiq tal-verifiki.

5. Il-fornitur tas-servizz ta' navigazzjoni bl-ajru għandu jiżgura li l-impjegati involuti fil-proċessi ta' verifika jkunu jistgħu jwettqu l-kontrolli tagħhom b'imparzjalità. Ir-rimunerazzjoni tagħhom m'għandhiex tiddependi fuq l-għadd ta' kontrolli mwettqa jew fuq ir-riżultati ta' dawn il-kontrolli.

ANNESS VI

Parti A: Rekwiżiti għall-verifika ta' sistemi msemmija fl-Artikolu 11(1)

1. Il-verifika tas-sistemi għandha turi l-konformità ta' dawn is-sistemi mar-rekwiżiti tal-interoperabilità, tar-rendiment, tal-kontinġenza u ta' sikurezza ta' dan ir-Regolament fl-ambjent ta' evalwazzjoni li tirrifletti l-kuntest ta' ħidma ta' dawn is-sistemi. Partikolarment, il-verifika tal-interrogaturi Mode S għandha turi:

   — il-ħidma korretta fuq il-kodiċi SI, inkluż il-ħidma tal-kodiċi II/SI;

   — li t-taħlita tas-sistemi u/jew proċeduri ta' monitoraġġ tal-kunflitt IC, flimkien mal-alternattiva ta' ħidma inaqqsu b'mod xieraq il-perikli tal-kunflitt IC;

   — li l-alternattiva ta' ħidma ma toħloqx kunflitt mal-pjan ta' allokazzjoni IC.

2. Il-verifika ta' sistemi identifikati fl-Artikolu 1(2) għandha titmexxa skont prattika ta' ttestjar adatta u rikonoxxuta.

3. L-għodda tal-itestjar użata għall-verifika tas-sistemi identifikati fl-Artikolu 1(2) għandu jkollha funzjonalitajiet adatti.

4. Il-verifika tas-sistemi identifikati fl-Artikolu 1(2) ta' dan ir-Regolament għandha tipproduċi l-elementi tal-fajl tekniku meħtieġ mill-Anness IV punt (3) tar-Regolament (KE) Nru 552/2004, inklużi l-elementi li ġejjin:

   — id-deskrizzjoni tal-implimentazzjoni;

   — ir-rapport tal-ispezzjonijiet u t-testijiet li jkunu saru qabel it-tqegħid tas-sistema fis-servizz.

5. Il-fornitur tas-servizz ta' navigazzjoni bl-ajru għandu jmexxi l-attivitajiet ta' verifika u għandu b'mod partikolari:

   — jiddetermina l-ambjent tal-evalwazzjoni ta' ħidma u tekniku xieraq li jirrifletti l-ambjent ta' ħidma;

   — jivverifika li l-pjan tal-prova jiddeskrivi l-integrazzjoni ta' sistemi identifikati fl-Artikolu 1(2) f'ambjent ta' evalwazzjoni ta' ħidma u tekniku;

   — jivverifika li l-pjan tal-ittestjar jipprovdi kopertura sħiħa tar-rekwiżiti applikabbli tal-interoperabilità, tar-rendiment, tal-kontinġenza u tas-sikurezza ta' dan ir-Regolament;

   — jiżgura l-konsistenza u l-kwalità tad-dokumentazzjoni teknika u tal-pjan tal-ittestjar;

   — jippjana l-organizzazzjoni tat-test, l-impjegati, l-istallazzjoni u l-konfigurazzjoni tal-pjattaforma tat-test;

   — iwettaq l-ispezzjonijiet u t-testijiet kif speċifikat fil-pjan tal-ittestjar;

   — jikteb ir-rapport li juri r-riżultati tal-ispezzjonijiet u t-testijiet.

6. Il-fornitur tas-servizz ta' navigazzjoni bl-ajru għandu jiżgura li s-sistemi identifikati fl-Artikolu 1(2) mħaddmin f'ambjent ta' evalwazzjoni ta' ħidma jissodisfaw ir-rekwiżiti tal-interoperabilità, tar-rendiment, tal-kontinġenza u tas-sikurezza ta' dan ir-Regolament.

7. Wara li jissodisfaw it-tmiem tal-verifika ta' konformità, il-forniturі tas-servizz ta' navigazzjoni bl-ajru għandhom ifasslu d-dikjarazzjoni tal-KE tal-verifika tas-sistema u jippreżentawha lill-awtorità nazzjonali ta' sorveljanza flimkien mal-fajl tekniku kif meħtieġ mill-Artikolu 6 tar-Regolament (KE) Nru. 552/2004.

Parti B: Rekwiżiti għall-verfika tas-sistemi msemmija fl-Artikolu 11(2)

1. Il-verifika tas-sistemi għandha turi l-konformità ta' dawn is-sistemi mar-rekwiżiti tal-interoperabilità, tar-rendiment, tal-kontinġenza u tas-sikurezza ta' dan ir-Regolament f'ambjent ta' evalwazzjoni li jirrifletti l-kuntest ta' ħidma ta' dawn is-sistemi. Partikolarment, il-verifika tal-interrogaturi Mode S għandha turi:

   — il-ħidma korretta fuq kodiċi SI, inkluż il-ħidma tal-kodiċi II/SI;

— li t-taħlita tas-sistemi u/jew proċeduri ta' monitoraġġ tal-kunflitt IC, flimkien mal-alternattiva ta' ħidma inaqqsu b'mod xieraq il-perikli tal-kunflitt IC;

— li l-alternattiva ta' ħidma ma toħloqx kunflitt mal-pjan ta' Allokazzjoni IC.

2. Il-verifika tas-sistemi identifikati fl-Artikolu 1(2) għandha titmexxa skont prattika ta' prova adatta u rikonoxxuta.

3. L-għodda tal-prova użata għall-verifika tas-sistemi identifikati fl-Artikolu 1(2) għandu jkollha funzjonalitajiet adatti.

4. Il-verifika tas-sistemi identifikati fl-Artikolu 1(2) ta' dan ir-Regolament għandha tipproduċi l-elementi tal-fajl tekniku meħtieġ mill-Anness IV punt (3) tar-Regolament (KE) Nru 552/2004, inklużi l-elementi li ġejjin:

— id-deskrizzjoni tal-implimentazzjoni;

— ir-rapport tal-ispezzjonijiet u t-testijiet li jkunu saru qabel it-tqegħid tas-sistema fis-servizz.

5. Il-fornitur tas-servizz ta' navigazzjoni bl-ajru għandu jiddetermina l-ambjent tal-evalwazzjoni ta' ħidma u tekniku xieraq li jirrifletti l-ambjent ta' ħidma u għandu jkollu attivitajiet ta' verifika mwettqa minn korp notifikat.

6. Il-korp notifikat għandu jmexxi l-attivitajiet tal-verifika u għandu b'mod partikolari:

— jiddetermina l-ambjent tal-evalwazzjoni ta' ħidma u tekniku xieraq li jirrifletti l-ambjent ta' ħidma;

— jivverifika li l-pjan tat-test jiddeskrivi l-integrazzjoni tas-sistemi identifikati fl-Artikolu 1(2) f'ambjent ta' evalwazzjoni ta' ħidma u tekniku;

— jivverifika li l-pjan tal-prova jipprovdi kopertura sħiħa tar-rekwiżiti applikabbli tal-interoperabilità, tar-rendiment, tal-kontinġenza u tas-sikurezza ta' dan ir-Regolament;

— jiżgura l-konsistenza u l-kwalità tad-dokumentazzjoni teknika u tal-pjan tat-test;

— jippjana l-organizzazzjoni tat-test, l-impjegati, l-istallazzjoni u l-konfigurazzjoni tal-pjattaforma tat-test;

— iwettaq l-ispezzjonijiet u t-testijiet kif speċifikat fil-pjan tat-test;

— jikteb ir-rapport li juri r-riżultati tal-ispezzjonijiet u tat-testijiet.

7. Il-korp notifikat għandu jiżgura li l-implimentazzjoni tal-iskambju ta' informazzjoni li jsostni l-proċess ta' allokazzjoni u l-użu tal-Mode S IC, integrat fis-sistemi mħaddma f'ambjent simulat ta' ħidma, jissodisfa r-rekwiżiti tal-interoperabilità, tar-rendiment, tal-kontinġenza u tas-sikurezza ta' dan ir-Regolament.

8. Meta jissodisfa t-tmiem tal-ħidmiet ta' verifika, il-korp notifikat għandu jfassal ċertifikat ta' konformità fir-rigward tal-ħidmiet li jkun wettaq.

9. Wara, il-fornitur tas-servizz ta' navigazzjoni bl-ajru għandu jfassal dikjarazzjoni tal-KE dwar il-verifika tas-sistema u jippreżentaha lill-awtorità nazzjonali ta' sorveljanza flimkien mal-fajl tekniku kif meħtieġ mill-Artikolu 6 tar-Regolament (KE) Nru. 552/2004.